Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 207/2014

**GasanMamo Insurance Limited [C 3143] (appellanti)**

**vs**

**Pierre Carabott u Gilmore Cachia (appellati)**

12 ta' Dicembru 2016

Il-Qorti,

Rat **ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti** tad-19 ta' Gunju 2014 permezz ta' liema l-Qorti tal-Magistrati (Malta) giet mitluba tikkundanna lill-intimati jhallsuha s-somma ta' tliet elef, disa' mija u erbgha u erbghin Ewro u erbgha u hamsin centezmu (€3,944.54) rapprezentanti danni sofferti mir-rikorrenti in segwitu ta' lodo ta' arbitragg datat 20 ta' Awissu 2013 fl-ismijiet *"Citadel Insurance plc as subrogated by law and by insurance policy in the rights of its insured Kenneth Cachia and Kenneth Cachia in his own name -vs- Gilmore Cachia; GasanMamo Insurance Limited"*; liema arbitragg kien jikkoncerna incident awtomobilistiku illi sehh fit-22 ta' Marzu, 2009 fi Triq tal-Barrani, limiti ta' Hal Tarxien, meta Gilmore Cachia kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBG 217 proprjeta' ta' Pierre Carabott u li fir-rigward ta' liema vettura s-socjeta' rikorrenti kienet harget il-polza assikurattiva bin-numru Rikors Numru: 12 12038 0269841. Inoltre, t-termini u l-kundizzjonijiet ta' din il-polza assikurattiva ma gewx osservati da parti taghhom stante illi: a) fid-data tal-incident Gilmore Cachia kellu tlieta u ghoxrin (23) sena, mentri l-polza assikurattiva msemmija kienet tkopri biss lil sid il-vettura u lil sewwieqa ohra awtorizzati mis-sid li jkunu ghalqu l-hamsa u ghoxrin (25) sena; u b) fil-hin ta' l-incident Gilmore Cachia kien qed isuq il-vettura msemmija taht l-influwenza tax-xorb jew sustanzi ohra intossikattivi; u c) fil-mument tal-incident Pierre Carabott konxjentement jew b'negligenza ppermetta illi l-vettura proprjeta' tieghu tinstaq minn persuna ta' taht il-hamsa u ghoxrin (25) sena. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju ipprezentat kontestwalment mal-Avviz, u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-gurnata ta' pagament effettiv kontra l-intimati.

Rat **ir-risposta tal-intimat Pierre Carabott**[1] tal-4 ta' Novembru 2014 permezz ta' liema ressaq is-segwenti eccezzjonijiet: (i) l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; (ii) l-intimat Pierre Carabott fl-ebda hin ma awtorizza jew ippermetta lil Gilmore Cachia sabiex isuq tali vettura u

[1] Fol 25.

ghalhekk huwa ma ghandux jinsab responsabbli ghall-hlas tal-ammont reklamat mis-socjeta' attrici;

Rat illi l-intimat l-iehor Gilmore Cachia, debitament notifikat[2] baqa' kontumaci u li fil-konfront tieghu gie prezentat Kapitolu[3].

Rat **<u>is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Ottubru 2015</u>** li ddecidiet hekk:

*"Illi ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Pierre Carabott, qed tiddikjara li verament m'ghandux tort ghal dan l-incident awtomobilistiku li sehh u qieghda tilqa' it-talba attrici fl-intier taghha izda fil-konfront tal-konvenut Gilmore Cachia biss u ghalhekk qieghda tikkundanna lill-konvenut Gilmore Cachia jhallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba fir-rikors promotur u cioe' l-ammont ta' tliet elef, disa' mija u erbgha u erbghin ewro u erbgha u hamsin ewro centezmi (€3,944.54) ghall-istess ragunijiet imsemmija fir-rikors promotur.*

*Bl-ispejjez kollha, inkluz tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra l-konvenut Gilmore Cachia u l-imghax ghandu jibda jiddekorri mil-jum tal-prezentata ta' dan ir-rikors promotur."*

Dan wara li l-istess Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

i. Nhar it-22 ta' Marzu 2009 l-konvenut Gilmore Cachia kien involut f'incident awtomobilistiku fi Triq tal-Barrani, Hal Tarxien meta kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Maruti numru ta' registrazzjoni JBG 217 proprjeta' tal-konvenut Pierre Carabott;
ii. In segwitu, s-socjeta' Citadel Insurance kif surrogata fid-drittijiet ta' Kenneth Cachia (il-persuna li habat fiha Gilmore Cachia) kienet fethet kaz quddiem ic-Centru tal-Arbitragg kontra s-socjeta' attrici odjerna u kontra l-konvenut Gilmore Cachia sabiex tithallas tal-ispejjez li hija sofriet bhala rizultat ta' dan l-istess incident;
iii. Dan il-kaz kien gie deciz mic-Centru tal-Arbitragg u s-socjeta' rikorrenti odjerna flimkien mal-konvenut Gilmore Cachia in solidum gew ikkundannati ihallsuha s-somma ta' € 2,925.63 piu' l-imghax u l-ispejjez;
iv. Is-socjeta' rikorrenti fil-fatt hallset din is-somma oltre l-ispejjez u l-imghax u daret fuq l-konvenut Gilmore Cachia sabiex jaghmel tajjeb ghal dan l-incident stante li l-incident in kwistjoni sehh tort uniku tieghu u stante li ma kienx kopert bil-polza ta' sigurta' li kien hemm fuq il-vettura;
v. Fuq il-vettura in kwistjoni kien hemm polza ta' sigurta' mahruga fuq il-persuna ta' Pierre Carabott u din kienet polza ta' *third party fire and theft* pero' kwalsiasi persuna li kellha licenzja tas-sewqan u aktar minn hamsa u ghoxrin sena setghet issuq din il-vettura ghaliex kienet tkun koperta bil-polza;
vi. Jirizulta pero' li l-konvenut Gilmore Cachia kien qabad u ha l-vettura Maruti propjeta' tal-konvenut Pierre Carabott waqt li ommu Theresa

[2] Fol 21.
[3] Fol 23.

Cachia kienet rieqda d-dar u habat biha kif jirrizulta minn ezami tal-okkorenza esebit fl-atti;

vii. Minn qari tal-lodo arbitrali mhuwiex kontestat li Gilmore Cachia kien xurban meta kien qed isuq il-vettura, li ma kellux licenzja valida ghas-sewqan u li kellu biss tlieta u ghoxrin sena meta habat;

viii. Ghalhekk il-polza li l-konvenut Pierre Carabott kien hareg fuq il-vettura ma kinitx tkopri lill-konvenut Gilmore Cachia;

ix. Mill-provi ma jidhirx li s-socjeta' attrici ressqet xi prova kuntrarja ghal dak imfisser aktar 'il fuq. Theresa Cachia tikkonferma li ghalkemm il-vettura mertu tal-kawza kienet giet mislufa lilha minn huha Pierre Carabott hija qatt ma tat permess lil binha Gilmore Cachia sabiex isuqha u sa fejn taf hi lanqas huha ma kien jaf li binha kien ser isuq il-vettura. Tghid li hija kienet tuza din il-vettura li gentilment kien silifha huha sabiex twassal it-tfal minuri taghha l-iskola u qatt ma tat permess lil Gilmore sabiex jaghmel uzu minnha;

x. L-ammont li gie likwidat bil-lodo fuq imsemmi u sussegwentment l-ammont li zdiet bl-ispejjez u bl-interessi ukoll ma gewx kontestati mill-konvenuti. Fil-fatt il-konvenut Gilmore Cachia ghogbu wkoll jibqa' kontumaci u ma jipprezenta l-ebda risposta ghat-talba attrici minkejja li gie notifikat bil-kawza u minkejja li kien jaf dwarha, ma ghamel xejn sabiex jikkontesta it-talba taghha. Meta Cachia xehed huwa qal li l-incident sehh tort tieghu u li kien lest ihallas l-ammont mitlub una volta jinghata il-fakolta' li jhallas f'rati mensili li ma jeccedux is-somma ta' hamsa u sebghin ewro (€75).

Is-socjeta' rikorrenti appellat mis-sentenza quddiem din il-Qorti. L-appellat Pierre Carabott wiegeb[4]. Waqt is-seduta tal-21 t'Ottubru 2016[5] dehru d-difensuri tal-partijiet u saret trattazzjoni.

Il-Qorti rat l-atti.

## L-aggravju

Is-socjeta' appellanti targumenta li rrispettivament mill-involviment o meno tal-appellat Pierre Carabott fl-incident stradali nnifsu tat-22 ta' Marzu 2009, huwa - a bazi tar-relazzjoni kontrattwali li ghandu maghha bil-polza tal-assikurazzjoni fuq il-vettura nvoluta fl-incident *de quo* - ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni akkordati mill-ewwel Qorti solidalment ma' Gilmore Cachia. Dan ghaliex, fil-fehma tal-appellanti, Pierre Carabott bi ksur tat-termini tal-kuntratt ta' assikurazzjoni msemmi, ippermetta illi tali vettura tinstaq minn Gilmore Cachia meta dan kien fi stat ta' ntossikazzjoni u taht il-25 sena.

Huwa opportun jigi rilevat fl-ewwel lok li, kif inhuwa rassodat fil-gurisprudenza, f'materja tal-apprezzament tal-provi, din il-Qorti, bhala qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti

---

4 Fol 8 et seq.

5 Fol 19.

sakemm ma jirizultax xi zball manifest li, jekk ma jigix rettifikat, parti ser issofri ingustizzja. Il-Qorti tqis ukoll li, jekk mill-provi akkwiziti l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghad-decizjoni li waslet ghaliha, din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti f'dan ir-rigward, *multo magis* bhal fil-kaz prezenti fejn l-ewwel Qorti semghet hi stess ix-xhieda jixhdu *viva voce* u ghalhekk kellha l-beneficju tal-iskrutinju dirett ta' dawn ix-xhieda[6].

Mill-atti tal-kaz odjern huwa pacifiku li:

i. Il-vettura Maruti 800 bin-numru ta' registrazzjoni JBG-217 involuta fl-incident awtomobilistiku tat-22 ta' Marzu 2009 f'Hal Tarxien hija registrata f'isem l-appellat Pierre Carabott li huwa l-*policy holder* tal-polza ta' l-assikurazzjoni fuqha mas-socjeta' appellanti;

ii. Ic-certifikat ta' din il-polza[7] (valida ghall-perjodu mill-1 ta' Novembru 2008 sal-31 t'Ottubru 2009) kien ikopri assikurazzjoni *Third Party Fire & Theft*. Is-sewwieqa awtorizzati kienu l-assikurat Carabott kif ukoll persuni 'l fuq minn 25 sena, li huma definiti bhala dawk il-persuni li jsuqu l-vettura fuq ordni tal-assikurat jew bil-permess tieghu[8];

iii. Il-polza ma kinitx tkopri incidenti jew hsarat kawzati meta l-vettura assikurata tkun qeghda tinstaq minn persuna li mhix awtorizzata skont il-polza u/jew li tkun taht l-effett tal-alkolhol jew droga[9];

iv. Il-lodo arbitrali tal-20 t'Awissu 2013 fl-ismijiet *Citadel Insurance plc noe et vs Gilmore Cachia et*[10] stabilixxa li l-incident awtomobolistiku li fih kienet involuta l-vettura JBG-217 sehh unikament tort ta' Gilmore Cachia li kien qieghed isuq din l-istess vettura. Ir-responsabilta' tas-socjeta' appellanti giet stabbilita wkoll a tenur tal-art 9(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

v. Fl-epoka tal-incident Gilmore Cachia kellu 23 sena[11]. Instab ukoll li fil-mument tal-habta huwa kien taht l-effett tal-alkohol[12]. Ghalhekk il-assikurazzjoni li kellha l-vettura ma kinitx tkoprih;

F'din il-kawza l-kwistjoni hi biss dwar jekk Pierre Carabott, bhala sid il-vettura nvoluta fl-incident awtomobilistiku ghandux jirrispondi <u>solidalment</u> ma' Gilmore Cachia ghall-hlas tad-danni versu s-socjeta' assikuratrici.

Ma hemm ebda dubju li tezisti relazzjoni guridika *ex contractu* bejn is-socjeta' appellanti u l-appellat Pierre Carabott bis-sahha tal-kuntratt tal-assikurazzjoni

---

[6] **Francienne Fenech vs Alexander sive Sandro Fenech deciz fid-29 t'April 2016** (Cit Nru 423/04).
[7] Fol 34 u 35 – Dok MBB 1.
[8] Fol 44 – Dok MBB 3.
[9] Fol 50 – Taht il- *General Exceptions* tal-Polza.
[10] Fol 59 *et seq*.
[11] Fol 37 - Rapport tal-Pulizija: Data tat-twelid 3 ta' Novembru 1985.
[12] Lodo arbitrali.

ffirmat bejniethom fir-rigward tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBG-217. Meta Carabott ghazel li jaghmel il-polza ta' assikurazzjoni in dezamina mas-socjeta' appellanti, huwa *"assuma wkoll l-obbligu li jirrispetta l-kundizzjonijiet tal-polza **u li jkun vigilanti dwar l-istess**."* (**Middlesea Insurance plc vs Mourad Ben Salem Mabrouk et deciza fit-28 ta' Frar 2008**[13]).

Madankollu, fil-konfront tal-konvenut Carabott l-attrici bbazat il-kawza fuq il-premessa li:

*"c) fil-mument tal-incident, inti, Pierre Carabott, **konxjentement jew b'negligenza ippermettejt illi l-vettura proprjeta tieghek tinstaq minn persuna ta' taht il-hamsa u ghoxrin (25) sena**".*

Fil-fatt fir-rikors tal-appell l-attrici terga' ttenni li, *"(iii) din il-kawza saret fil-konfront ta' Pierre Carabott stante li kiser it-termini tal-kuntratt ta' assikurazzjoni vigenti bejnu u bejn is-socjeta appellant **meta ppermetta** illi l-vettura tieghu tinstaq minn persuna illi kienet qed issuq fi stat ta' intossikazzjoni u taht il-25 sena".* Sabiex l-attrici tirnexxi fit-talba taghha fil-konfront ta' Carabott kellu jkun hemm prova li Carabott kien jaf li Cachia qieghed juza l-vettura u hallieh isuqha.

L-artikolu 3 (1) tal-Att dwar Assikurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi hekk:

*"3. (1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża jew **iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura** bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza."*

Fil-kaz **Hugh P. Zammit noe et vs John Mifsud et deciza fit-23 t'April 2001**[14] il-Qorti qalet hekk -

*"F'dan ir-rigward ghandu jigi osservat li r-responsabbilita' ghar-risarciment ta' danni mhallsa mill-assikurazzjoni a termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta mhux relatat mar-responsabbilita' ghall-akkadut. Izda l-obbligu tal-hlas lura ta' ammonti mhallsa mill-assikurazzjoni jitwieled minn inadempjenza kuntrattwali nkwantu l-assikurat, li jkun intrabat mal-assikurazzjoni li josserva l-obbligi imposti fuqu bhala kondizzjoni tal-hrug tal-polza, jonqos li jaghmel dan. Fil-kaz in ezami l-konvenut John Mifsud, qua proprjetarju u assikurat, assuma l-obbligu li ma jhallix lill-huh George jsuq il-vettura tieghu qabel ma dan jghalaq il-wiehed u ghoxrin sena. Kif irrizulta l-incident sehh meta l-vettura kienet qed tinsaq minn George Mifsud bil-permess ta' huh, l-assikurat, u qabel ma dan kien jikkwalifika skond l-kondizzjonijiet tal-polza. Ir-radd lura tal-flus imhallsa mis-socjeta' attrici huwa bazat fuq dan in-nuqqas jew ksur ta' kuntratt. Ghalhekk il-kwistjoni ta' minn ikkaguna d-danni originarjament fl-incident awtomobilistiku, ma ghandhix rilevanza ghal kawza odjerna."*

Inghad ukoll fil-kaz **Isabelle Borg et vs Robert Galea et** deciz fid-19 t'Ottubru 2007[15] -

---

[13] Cit Nru 726/05.
[14] Cit Nru 2256/98. Konfermata mill-Qorti tal-Appell fl-1 t'April 2005.

*"…. kif qalet din il-Qorti, fil-kawza **"Scerri vs Ciantar",** deciza fit-3 ta' Ottubru, 2003, "huwa pacifiku illi, in linea ta' massima generali, sid ta' vettura li tkun involuta f'incident meta misjuqa minn terzi ma jwegibx ghad-danni talvolta kagjonati mis-sewwieq. Bhal kull principju generali iehor ir-regola ssofri eccezzjoni bhal per ezempju fejn jirrizulta li l-vettura misjuqa mit-terz ma tkunx assikurata u allura tinsorgi r-responsabilita' solidali anke ta' sid il-vettura ("Avv. Franz Refalo nomine – vs – Paul Caruana", Prim' Awla, Qorti Civili, 5 ta' Ottubru, 1995; "E. Micallef – vs – Simone Azzopardi", Prim'Awla, Qorti Civili , 7 ta' Ottubru, 1994)".*

*Hekk ukoll fil-kawza "Micallef et vs Busuttil et", deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Ottubru, 2002, il-Qorti zammet is-sid tal-vettura solidarjament responsabbli ghad-danni subiti mill-atturi billi l-istess sid ippermetta persuna ssuq il-vettura meta din il-persuna kienet taht l-eta' u minghajr licenzja, u dana billi kif qalet il-Qorti stess "(is-sid) ippregudika l-pozizzjoni tat-terz vis a vis kwalunkwe talba ghad-danni rizultanti mill-istess incident".*

*Fl-istess sens hija d-decizjoni moghtija minn din il-Qorti fl- 24 ta' Gunju, 1955, fil-kawza fl-ismijiet "Schembri vs Davies et".*

*Il-Qorti tista' taghmel referenza ukoll ghad-decizjoni moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fis-7 ta' Marzu, 2006, fil-kawza fl-ismijiet "Fenech vs Cutajar et", fejn ukoll sid il-vettura instab responsabbli in solidum mas-sewwieq, meta halla l-vettura f'idejn terzi, u ma accertax ruhu li l-istess terz "kien debitament licenzjat u kapaci biex isuq il-vettura".*

Fil-kaz **Albert Galea vs Richard Galea et**[16], il-Qorti osservat li biex sid ta' vettura jigi mizmum solidalment responsabbli flimkien mas-sewwieq -

*"….irid jigi stabbilit jekk kienx jaf li l-vettura kienet qed tinstaq minn persuna li ma kinitx koperta bl-assikurazzjoni fuq l-istess vettura….."*

Ghaldaqstant dak li kien rilevanti ghal finijiet ta' din il-kawza ghal dak li jikkoncerna t-talba fil-konfront ta' Carabott kien jekk konxjament jew b'negligenza ippermettiex lil Gilmore Cachia jsuq il-vettura proprjeta' tieghu.

Mill-provi jirrizulta li:

1. L-appellat Pierre Carabott sellef il-vettura tieghu JBG217 lil ohtu Therese Cachia ghall-uzu taghha wara li hija kienet ghaddejja minn kaz ta' separazzjoni. Carabott jixhed hekk[17]:

*".….ohti kienet ghaddejja minn kaz ta' separazzjoni minn ma' zewgha u nghid li ohti ghandha erbat itfal u fil-fatt iz-zewgt itfal minuri ghadhom maghha waqt li z-zewgt itfal kbar Gilmore u huh baqghu ma' missierhom….jiena kont sliftha din il-karozza Maruti JBG217 u dan sabiex twassal lil uliedha l-iskola Pembroke.….insurjajtha ghalhekk minn hamsa u ghoxrin sena 'l fuq u tajthielha biex tinqeda. Nghid illi in segwitu r-ragel taghha tefa' z-zewg subien il-kbar 'il barra u huma marru joqoghdu ma' ommhom u ghalihom lanqas kienu jafu li l-vettura in kwistjoni fil-fatt kienet tieghi u sussegwentement sirt naf illi Gilmore, it-tifel taghha kien ha l-karozza tieghi u habat biha".*

---

[15] Cit Nru 765/01. Fir-rigward tal-principju ta' responsabilta' solidali bejn sid ta' vettura u sewwieq li ma jkunx kopert bl-assikurazzjoni, din is-sentenza giet konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Marzu 2011.
[16] Deciza fit-8 ta' Jannar 1993.
[17] Seduta tat-23 t'April 2015.

2. Carabott jinsisti li huwa qatt ma' ta permess lit-tifel t'ohtu Gilmore Cachia biex isuq din il-vettura u jghid ukoll li lis-socjeta' appellanti kien qalilha b'dan:

*"Ghidtilhom (lis-socjeta' assikurattiva) ukoll li jiena qatt ma tajt permess lil binha biex isuqha"*[18]

3. Therese Cachia, oht Pierre Carabott u omm Gilmore Cachia xehdet li hija qatt ma kienet awtorizzat lil binha jsuq il-vettura ta' Carabott. Dakinhar tal-incident Cachia qabad u ha c-cwievet mid-dar u waqt li kien qieghed isuq il-vettura habat. Cachia xehdet hekk:

*"Niftakar li dakinhar li sehh dan l-incident, it-tifel tieghi Gilmore Cachia kien dahal id-dar, ha c-cavetta tal-vettura JBG217 tal-ghamla Maruti u kien habat biha. Nghid illi dak iz-zmien ibni Gilmore kien jghix mieghi id-dar. Il-karozza pero' in kwistjoni JBG 217 hija proprjeta' ta' hija Pierre Carabott.* ***Jiena permess biex isuq din il-vettura lil ibni qatt ma tajtu u fil-fatt wara dik il-gurnata ma regax saq il-vettura****. Nixtieq nghid li meta hija selifni din il-karozza qalli li ma setax isuqha bniedem taht twenty five years u fil-fatt kont insuqha jien u jien ghandi aktar minn hamsa u ghoxrin sena"*[19].

Hu minnu li Maximilian Borg Bonello, impjegat tal-attrici, xehed li fis-7 ta' Mejju 2009 cemplu lil Pierre Carabott u qalilhom li kien jaf bl-incident u *"…. li kien sellef il-vettura tieghu lill-ohtu li tigi ommu, meta l-intimat Gilmore Cachia kien* ***<u>ha l-vettura bil-permess taghha</u>****…."* (fol. 31). Lix-xhud ma sarlux kontro-ezami. Madankollu x-xhud ma qalx jekk kienx hu li personalment tkellem ma' Carabott. F'kull kaz Therese Cachia ma kinitx is-sid tal-vettura. Ghall-ezitu tal-kawza dak li kien rilevanti hu jekk Carabott kienx halla lin-neputi jsuq il-vettura. **<u>Prova li ma saritx</u>**.

4. Gilmore Cachia xehed hekk[20]:

*"Niftakar illi fil-jum tal-incident ….ommi kienet rieqda u kont qbadt u hadt il-karozza taghha u ghalhekk soqtha bla permess taghha".*

*5.* Cachia qal ukoll li fl-epoka tal-incident ma kellux licenzja tas-sewqan u nsista li *"qabel ma' kelli l-licenzja hlief din l-okkazjoni ma kontx soqtha din il-karozza."* Huwa qal ukoll li *"z-ziju tieghi qatt ma tani permess biex insuq din il-karozza."*

Fil-fehma tal-qorti m'hemmx provi li juru li Carabott kien "konxjentement jew b'negligenza" ippermetta lil Cachia sabiex isuq il-vettura. Dan ghaliex:

i. Pierre Carabott awtorizza **<u>biss</u>** lil ohtu Therese Cachia, li kellha aktar minn hamsa u ghoxrin sena biex din issuq il-vettura.

---

[18] Fol 75.
[19] Fol 73.
[20] Fol 71.

ii. Kif ikkonfermat Therese Cachia stess, meta Carabott kien sellifha l-vettura huwa kien ghamilhielha cara li l-vettura ma setatx tinstaq minn persuni li m'ghalqux il-hamsa u ghoxrin sena. Fil-fatt il-vettura kienet issuqha hi biss.

iii. Pierre Carabott ma tax permess lil Gilmore Cachia sabiex juza l-vettura.

iv. **Il-vettura ntuzat minn Gilmore Cachia *ad insaputa* u minghajr il-permess ta' Carabaott. Fatt ammess ukoll minn Gilmore Cachia**.

v. Meta Pierre Carabott acceda fuq il-post tal-incident huwa canfar lil Gilmore Cachia ghall-agir tieghu[21]. Huwa minnu li Carabott ma marx jaghmel rapport mal-Pulizija dwar serq/uzu tal-vettura tieghu minghajr permess. Imma apparti l-fatt li hawn si tratta ta' sitwazzjoni bejn familjari fejn allura x-xewqa ghal intervent tal-Pulizija tkun probabilment mhux mixtieqa, huwa xorta car li Pierre Carabott mill-bidunett irrifjuta li jghatti l-agir jew jaghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet ta' Gilmore Cachia.

vi. Ghal kull buon fini ma rrizultax lanqas li din il-vettura ntuzat drabi ohra minn Gilmore Cachia jew minn persuni ohra mhux awtorizzati. Fuq bazi ta' probabilta' ghalhekk dan ghandu jitqies bhala kaz izolat.

Dan l-incident *invece* ma jistax hlief jitqies li huwa kawzat minn agir irresponsabbli ta' Gilmore Cachia li saq vettura minghajr ma talab permess, kien xurban u ma kienx kopert minn polza ta' assikurazzjoni.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-appell bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti.**

Anthony Ellul

[21] Xhieda Pierre Carabott a fol 75.